# Triq Rudolfu

Mario Fenech



Waħda mill-akbar toroq importanti li għandna fil-Parroċċa tagħna hija Triq Rudolfu. Din it-triq taqsam min-naħa għall-oħra tal-Parroċċa peress li tibda minn ħdejn is-*Savoy Hotel* sa ħdejn il-Lukanda *Imperial*. Ma' l-ewwel żviluppi li kienu bdew jidhru fl-inħawi ta' tas-Sliema l-importanza ta' ċerta toroq bdiet tidher fuq toroq oħra għalhekk kien hemm il-ħtieġa li dawn ikunu miżmuma fi stat tajjeb. Mhux hekk biss, għaliex mal-ġnub ta' dawn it-toroq bdew jinbnew djar kbar u sbieħ li fortunatament għadna narawhom sal-lum. Triq Rudolfu tant kienet misjuba bħala triq importanti li fiha ġiet mibnija l-Knisja Anġlikana ddedikata lit-Trinità Qaddisa. Meta nfetħet Triq il-Prinċep ta' Wales li min-naħa tax-Xatt twasslek lejn il-Bajja Tal-Balluta din qasmet Triq Rudolfu f'żewġ partijiet, bil-bini li fil-preżent qiegħed jintuża bħala Għassa Tal-Pulizija f'salib it-toroq. Kurjuż il-fatt li f'din il-parti ta' tas-Sliema kienu nbnew l-ewwel lukandi ta' din il-belt.

Fir-ritratti li qegħdin jidhru ma' din il-kitba naraw żewġ xeni ta' Triq Rudolfu fejn naraw l-ewwel blokk ta' djar sbieħ li kienu nbnew man-naħa tax-xellug tat-triq int u tiela' mit-telgħa tas-Savoy, u l-Knisja ta' l-Ingliżi (kif inhi magħrufa) bid-dar ta' l-Isqof mal-ġenb tagħha. Ninnutaw fiż-żewġ ritratti l-mod sabiħ b'sengħa liema bħala li bihom



huma mibnija l-ħitan tal-ġnub tat-triq. In-nuqqas ta' vetturi f'dawn iż-żewġ ritratti huma prova ta' kemm kienet kwieta din it-triq lejn l-aħħar snin tas-seklu dsatax. Il-karrettun mal-ġenb tat-triq il-lum huwa biss viżjoni u n-nies jitkellmu f'nofs it-triq ilhom li sparixxew. Il-kwiet li wieħed jista' jimmaġina f'dawn ir-ritratti l-lum inbidel fi storbju kontinwu ta' vetturi li jgħaddu bl-eluf minn din it-triq, storbju li issa ndara sew u sar parti mill-ħajja tan-nies ta' tas-Sliema. Forsi għalhekk li ħafna huma dawk li qegħdin jagħżlu li jmorru jabitaw f'lokalitajiet oħrajn. Ħasra, għaliex tas-Sliema hija sabiħa wisq biex tispiċċa mingħajr popolazzjoni u tinbidel f'ċentru kummerċjali li filgħaxija jkun bla ħajja, u attività.


# Liberty Store

49, St. John Baptist Str., Sliema

Tel: 332902

**For your daily needs**